MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 194/2009

**Michael Attard Limited (C-32362)**
**vs**
**Quality Group (Malta) Limited gja**
**Quality Turnkey Contractors Limited (C-27986)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ disa’ mija, disgha u disghin ewro, u tnejn u tlettin ewro centezmi (€999.32) rapprezentanti importa ta’ erba’ kambjali skaduti, accettati u iffirmati mis-socjeta’ intimata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta gew ingunti in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kopji ta' kambjali mertu tal-kawza ezebiti mis-socjeta' attrici u ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Dr. Robert Galea fil-21 ta' Jannar, 2010 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------